MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 260/2010

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport.**

**vs.**

**Dr. Adrian Camilleri u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b' digriet tat-23 ta' April 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Yixing Trading Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Dr. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport datat 18 ta' Marzu 2010 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka “PUMA” registrata f’Malta bin-numru 13091 u tal-Marka “Cat” registrata bin-numru13092.

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta’ oggett li huma identici ma’ dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab f’Malta kwantita` ta’ malji tal-ghawm bil-marki ta’ “Puma” li ghandhom *“clear cut infingements” of PUMA trademarks”*, inkluz *“wrong puma logo”* u *“wrong hang tag”* u *“unknown secondary branding*”.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f’Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-**artikolu 15 tal-Att dwar it-*Trademarks*** u **l-Att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-ligijiet ta’ Malta (EC 1383/2003).**

Illi ghalhekk l-istess attur *nomine* talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u **l-Att Tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** u b’ hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta fil-*container* WLNU 9905846 u mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni. B’riserva ghal azzjoni ta’ danni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 2, 3 u 4 tal-process.

Rat id-digriet datat 23 ta’ April 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta’ Gunju 2010.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati datata 24 ta’ Mejju 2010 a fol.19 tal-process fejn eccepew:-

(1) Illi l-espenenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirrizervaw li jipprovdu r-risposti taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri.

(2) Illi l-esponenti jirrilevaw illi fil-Bill of Lading li gie prezentat mar-rikors guramentat m’hemmx imnizzel l-ebda tip ta’ kuntatt tas-socjeta’ estera.

(3) Illi l-esponenti kitbu lill-avukat tar-rikorrenti *nomine* sabiex jinghataw kull informazzjoni ulterjuri li jista’ jkollha dwar is-socjeta’ intimata.

(4) Illi l-esponenti kitbu lis-socjeta’ Nour Line P / C M.B.M. T. ta’ Avenue Hedi Nouira Tunis li tidher li bhala *consignee* fil-Bill of Lading li gie pprezentat mar-rikors guramentat sabiex jinghataw kull informazzjoni ulterjuri li jista’ jkollha dwar is-socjeta’ intimata.

(5). Salv risposti ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti esebiti a fol. 20 tal-process.

Rat in-nota tal-Avukat Dr. Adrian Camilleri datata 14 ta’ Gunju 2010.

Rat il-verbal tas-seduta datat 17 ta’ Gunju 2010 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2010.

Rat ix-xhieda kollha moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ attrici bhala proprjetarja tal-marki “PUMA” u “Cat” qed tallega li s-socjeta’ konvenuta kisret d-drittijiet taghha peress li din ta’ l-ahhar gabet Malta kwantita’ ta’ malji tal-ghawm bil-marka “PUMA” li izda huma foloz.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati peress li jirrizulta li f’*container* WLNU 9905846 li dahal Malta fl-24 ta’ Frar 2010, wara li gie ezaminat fis-26 ta’ Frar 2010 mill-Ufficjali tad-Dwana, instab li kien hemm konsenja totali ta’ 1,500 malji tal-ghawm bl-istess marka “PUMA” li dehru li kienu foloz; ghalhekk kampjunarji tal-istess malji ntbaghatu lir-rapprezentat tad-ditta attrici u minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali marka kienet falza (dikjarazzjoni guramentata ta’ Neil Narriman datata 17 ta’ Marzu 2010 – fol. 15). Dan jirrizulta mix-xhieda ta’ George Agius, Spettur tad-Dwana fl-affidavit tieghu datat 12 ta’ Mejju (fol. 18). Jirrizulta li l-merkanzija kienet mibghuta mis-socjeta’/entitta’ intimata skond l-istess affidavit ta’ George Agius indikata bhala *shipper* fil-polza ta’ karigu esebita a fol. 3 tal-process. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u fil-verita’ ma hemm l-ebda kontestazzjoni ghall-istess.

Illi ghalhekk talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ecezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b’xi mod inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut/ entita’ konvenuta ikkontravjeniet it-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** u b’hekk ikkagunat danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jeqred tali konsenja ta’ malji tal-ghawm kollha spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta *container* WLNU 9905846 mill-entita’ konvenuta bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici kollox kif fuq indikat f’din id-decizjoni u dan kollox a spejjez tal-istess entita’ konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-entita’ /socjeta’ konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------